**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Edwina Grima**

**Appelli Nru: 696/2018/1**

**696/2018/2**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Mark Anthony Camilleri**

Illum, 28 ta' Lulju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant/appellat, Mark Anthony Camilleri, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 70876(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli:

1. Billi personalment u/jew fil-kapacita' tieghu ta' impjegat jew ta' uffiċjal principali jew ta' rapprezentant tal-kumpanija MEDAF Ltd, akkuzat talli matul is-snin 2014 u 2015, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda; appropja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li giet fdata jew ikkunsinnata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu jew minhabba depozitu necessarju taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u dan bi hsara li tammonta ghal aktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha

u tletin centezmu ta' l-Ewro (€2329.37) ghad-detriment ta' Anthony Spiteri mis-Swieqi;

2. Kif ukoll billi personalment u/jew fil-kapacita tieghu ta' impjegat jew ta' ufficjal principali jew ta' rapprezentant ta' GTF Travel Services akkuzat talli bejn il-perjodu ta' Gunju 2008 u Gunju 2009, f dawn il-Gzejjer, approprija ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li giet fdata jew ikkunsinnata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz taghhorn jew minhabba depozitu necessarju that titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u dan bi hsara li tammonta ghal aktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu ta' 1-Ewro (€2329.37) ghaddetriment ta' Planit Travel Agency Limited u/jew Aaron Stivala mis-Swieqi;

3. Talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu ta' l-Ewro (€2329.37) ghad-detriment ta' Planit Travel Agency Limited u/jew Aaron Stivala mis-Swieqi.

4. Talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ghamel qligh iehor b'qerq mhux imsemmi fl-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali ta' aktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu ta · 1-Ewro (€2329.37) ghad-detriment ta' Planit Travel Agency Limited u/jew Aaron Stivala mis-Swieqi

5. U b'hekk sar recidiv, a termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mill-Magistrat Dr. Doreen Clarke LLD. fis-16 ta · Gu-nju 2010, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-15 ta' Diċembru 2022, fejn il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 293, 294, 308, 309 u 310(1)(a) u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lil Mark Anthony Camilleri mhux ħati ta' l-ewwel imputazzjoni, izda ħati tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet dedotta kontrih u kkundannatu għal piena kumplessiva ta' sentejn (2) priġunerija, li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, ġew sospiżi għal erba' (4) snin. Stante li r-raba' imputazzjoni hija alternattiva għat-tieni imputazzjoni, l-Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni tagħha. Peress li l-imputat ġie misjub hati ta' akkużi li jirrisalu għal qabel id-data tas-sentenza li ġiet preżentata

għall-finijiet tal-addebitu tar-reċidiva, l-imputat ġie lliberat ukoll minn dan l-addebitu. Inoltre, peress li rriżulta li hemm kawża civili fil-konfront tal-imputat proprju dwar l-istess materja, u peress li ma rriżultax car x'inhu l-bilanc dovut favur Aaron Stivala u/jew Planit Travel Services Limited, il-Qorti ma imponietx obbligu ta' ħlas. Fl-ahhar nett, il-Qorti, ai termini tal-Artikolu 28H tal-Kodici Kriminali, ordnat lill-ħati jhallas kwalunkwe bilanċ rimanenti mis-somma ta' ħamest elef, ħames mija u ħamsa u tmenin Euro u erbgħa u tmenin ċentezmu (€5,585.84) oriġinarjament dovuti lil Planit Travel Services Limited u dan f'massimu ta' sitt (6) xhur skond l-artikolu 28H (2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Stante li ma rriżultax li ġew maħtura esperti f'din il-kawza, l-Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-talba ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

Rat ir-rikors tal-appellant Mark Anthony Camilleri, ippreżentat fl-04 ta' Jannar 2023, fejn talab lil din l-Qorti tirrevoka parzjalment is-sentenza appellata billi tiddikjarah mhux ħati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih u li tagħhom instab ħati u kwindi tilliberah minn kull imputazzjoni u ħtija skont il-liġi.

Rat ir-rikors ta'l-appell ta' l-Avukat Ġenerali ippreżentat fl-10 ta' Jannar 2023 fejn talab lil din il-Qorti:

i. tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata sakemm u sa fejn din lliberat lil Mark Anthony Camilleri mill-ewwel imputazzjoni, u minflok ssibu ħati tal-ewwel imputazzjoni;
ii. tikkonferma s-sentenza appellata sakemm u sa fejn din sabitu ħati tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet;
iii. fil-każ li tinstab ħtija f'Mark Anthony Camilleri fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, il-piena tkun varjata b'mod li tirrispekkja din il-ħtija flimkien mal-ħtija għat-tieni u għat-tielet imputazzjonijiet.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant/appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, kemm l-imputat Mark Anthony Camilleri, kif ukoll l-Avukat Ġenerali ħassewhom aggravati bis-sentenza appellata u dan fir-rigward tal-appellant Camilleri sa fejn jikkonċerna dawk l-imputazzjonijiet fejn l-Ewwel Qorti sabitu ħati tagħhom, u fir-rigward ta'l-Avukat Ġenerali, f'dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-imputat ġie lliberat mill-ewwel imputazzjoni.

Il-Qorti ser titratta dawn iż-żewġ appelli flimkien stante illi bl-imsemmija appelli, it-totalita' tas-sentenza appellata qed tkun attakkata minħabba apprezzament żbaljat tal-provi kif ukoll applikazzjoni ħażina tal-liġi għal dawn il-fatti hekk stabbiliti fl-atti probatorji.

Illi d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni hija milquta mill-appell ta'l-Avukat Ġenerali billi għal din l-imputazzjoni l-imputat kien illiberat. F'din l-imputazzjoni l-appellat Camilleri kien mixli bir-reat tal-approprjazzjoni ndebita għad-detriment ta' ċertu Anthony Spiteri. Jidher illi l-appellat Camilleri kien daħal f'negozju ta' esportazzjoni ta' luminata, liema negozju kien ġie iffinanzjat minn Spiteri li għaddielu għal dan l-iskop is-somma ta' €18,000, bil-wiegħda minn naħa ta' Camilleri illi dan kien ser jirrendi qliegħ ta' €2000 fix-xahar. U fil-fatt Spiteri jikkonferma illi rċeva dan il-qliegħ f'erba' okkazzjonijiet. Dawn il-pagamenti, iżda, waqqfu ħesrem, b' Spiteri lanqas jirċevi l-kapital li kien investa u dan wara li l-appellat ħareġ ċekk favur l-imsemmi Spiteri datat l-10 ta' Novembru 2014, li ma ġiex onorat mill-bank għaliex ma kienx hemm fondi fil-kont bankarju indikat fuq l-imsemmi ċekk, u ċioe' il-kont bankarju tas-soċjeta MEDAF Ltd. Illi l-obbligu tar-radd lura tal-flejjes ikkonsenjati lill-appellat minn Spiteri jirriżulta mill-iskrittura privata iffirmata bejn dawn it-tnejn minn nies fit-30 ta' Ottubru 2014[1], fejn hemm iddikjarat illi Camilleri għandu dejn ma' Spiteri fl-ammont ta' €20,000.

[1] Dok. YF2 a fol.43

Issa l-Ewwel Qorti illiberat lill-appellat minn din l-impuatzzjoni għaliex kienet tal-fehma illi ma kienx hemm provi fl-atti li jindikaw x'użu kellu jsir mill-flejjes fdati f'idjen l-appellat mnn Spiteri u ukoll jekk fil-fatt l-appellat għamilx użu divers mill-kapital lilu fdat minn dak li għalih kien mgħoddi dawn il-flejjes. Tikkontendi illi fil-fatt xi forma ta' qliegħ beda jsir tant illi Spiteri jammetti illi huwa beda jirċevi *returns* fuq il-kapital investit, iżda dawn imbagħad waqqfu ħesrem.

L-Avukat Ġenerali minn naħa tiegħu jikkontendi illi hekk kif l-investiment għal xi raġuni ma baqax jiġġenera qliegħ, twieled l-obbligu fl-appellat li jirrifondi l-flejjes li huwa irċeva minn għand Spiteri u allura bil-fatt illi dawn il-flejjes baqgħu ma ġewx irritornati, awtomatikment ifisser illi l-appellat għamel użu divers minnhom minn dak li għalih huwa kien fdat.

Illi, huwa ħati tar-reat ta' approprazzjoni ndebita:-

> **Kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat ...**

Bir-reat jiġi aggravat u jitmexxa *ex officio* mill-Pulizija kull:

> "**..... meta d-delitt imsemmi ..... jiġi magħmul fuq ħaġa fdata jew ikkunsinnata lill-ħati minħabba l-professjoni, industrja, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju.**"

Illi, għalhekk, l-element ewlieni li jikkostitwixxi dan ir-reat "**mhuwiex l-uzu ta' l-ingann da parti ta' l-agent biex jottjeni l-oggett, izda l-inversjoni tat-titolu tal-pussess tal-haga li l-agent ikun ottjena minghand is-suggett passiv bil-libera volonta' ta' dan**."[2]

Illi, *in oltre*, kif jispjega l-awtur Francesco Antolisei –

> **La vera essenza del reato di appropriazione indebita consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti**

[2] "Pulizija vs Joseph Muscat", Imħallef Victor Caruana Colombo, Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri, deċiża nhar it-3 ta' Marzu 1997.

**dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio (Manuale di Diritto Penale, Giuffre` (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276)**

U dana bil-Qorti ta' Cassazioni Taljana tisħaq f'deċizjoni reċenti illi –

**Il reato di appropriazione indebita si consuma nel momento dell'inversione del possesso, vale a dire quando il possessore compie un atto di dominio sulla "res", così manifestando l'intenzione di tenere questa come propria.**

**L'appropriazione indebita può consistere anche nel solo uso della cosa, il quale è un modo di esercitarne il diritto di proprietà, se l'uso stesso non sia assolutamente consentito, atteso il titolo del possesso, ovvero risulti diverso da quello che, secondo questo titolo, è legittimo, divenendo cosi manifestamente un mezzo per effettuare l'appropriazione, se accompagnato dalla volontà di disporre della cosa come se fosse propria (Cass. Sez. 2, Sentenza n. 2954del 15/12/1971 Ud. (dep. 03/05/1972) Rv. 120966; nel senso che l'appropriazione indebita d'uso integri il reato di cui all'art. 646 c.p.cfr Sez. 3^, Sentenza n. 3445del 2/2/1995, Riv. 203402).**

**Quello che conta è che l'uso indebito del bene, sia avvenuto trascendendo completamente - come nel caso di specie - i limiti del titolo in virtù del quale l'agente deteneva in custodia il bene, di modo che l'atto comporti un impossessamento, sia pure temporaneo, del bene, determinandosi così quell'inversione del possesso che costituisce l'elemento oggettivo della struttura del reato ( in tal senso N. 47665 del 2009 Rv. 245370 - 01; n. 44650 del 2015 Rv. 264899 - 0).**[3]

Illi, minn dan it-tagħlim ġurisprudenzjali huwa manifest illi r-reat tal-approprjazzjoni indebita jiġi kkunsmat mal-mument li issir l-inverzjoni tal-pussess tal-oġġett mobbli u ċioe' f'dak il-mument illi l-awtur tar-reat jikkonverti dak l-oġġett għall-użu tiegħu bħala s-sid tal-istess. Minn dan l-aġir jiġi deżunt imbagħad l-element formali tar-reat meta l-awtur juri l-intenzjoni li jżomm jew juża l-oġġett lilu fdat *animo domini*, daqslikieku kien tiegħu. Filfatt, is-sentenza fl-ismijiet "Pulizija vs Anthony Mary Bajada", il-Qorti stqarret illi –

**Id-delitt ta' approprjazzjoni ndebita jigi konsumat malli dak li jkun jaghmel atti ta' dominju fuq il-haga bil-volonta' li jezercita dominju fuqha; u dan ikun pruvat meta c-cirkustanzi u l-atti jkunu verament tali li univokament**

[3] Cassazione penale, sez. II, Sentenza 10/05/2019 n° 20231.

**juru l-intenzjoni ta' l-approprjazzjoni, billi fihom infushom m'humiex kompatibili mal-kawza u t-titolu tieghu tad-detenzjoni ta' dik il-haga.**[4]

Illi, eżaminati l-punti ġurisprudenzjali dwar ir-reat in diżamina, u eżaminati mill-ġdid l-provi in atti u dan bil-għan li jkun indirizzat l-ilment ta'l-Avukat Ġenerali, huwa evidenti illi għalkemm kien hemm l-obbligu minn naħa tal-appellat illi huwa jirrifondi s-somma lilu mislufa minn Spiteri, kif jirriżulta mill-ftehim eżebit a fol.43 tal-proċess, u għalkemm jirriżulta mill-provi illi dawn il-flejjes kienu lilu kkunsinjati sabiex jinvestiehom fin-negozju tal-esportazzjoni tal-luminata, liema negozju kien qed isir tramite is-soċjeta MEDAF Ltd, li kienet ġestita mill-appellat, madanakollu imbagħad hija nieqsa l-prova illi l-appellat volutament wara li irċeva dawn il-flejjes minn għand Spiteri għamel użu divers minn dak li għalih huwa kien misluf dawn il-flejjes. Mhux biss iżda l-fatt illi Spiteri kien irċeva f'erba' okkażżjonijiet il-qliegħ mill-investiment li kien għamel ifisser illi l-appellat kien qed juża dawk il-flejjes għall-iskop li kienu fdati lilu u ċioe' sabiex dan l-investiment jirrendi l-qliegħ mixtieq. Illi kuntrarjament għal dak li jikkontendi l-Avukat Ġenerali ir-reat ma jimmatterjaliżżax ruħu mal-mument illi l-appellat jonqos milli jirrifondi l-flus lilu mislufa, u għalkemm jistgħu jinsorġu drittijiet ċivili spettanti lil Spiteri sabiex jirkupra dan id-debitu, u għalkemm ukoll bil-fatt illi l-appellat għadda ċekk lil Spiteri maħruġ fuq is-soċjeta MEDAF Ltd meta kien jaf li dan ma setax jiġi onorat, jista' jinsorġi ir-reat tal-frodi innominat fit-termini tal-artikolu 309 tal-Kodiċi Kriminali jekk jkun ippruvat illi Spiteri ġie indott jislef il-flus lill-appellat taħt ingann u meta l-appellat kien jaf li dawn il-flus ma setax irroddhom lura, madankollu huma nieqsa l-elementi ta' dritt meħtieġa biex isawwru ir-reat tal-appropjazzjoni indebita.

Nieqsa kwindi il-prova illi seħħ l-att materjal tar-reat u ċioe' il-konverżjoni tal-flejjes fdati f'idejn l-appellat minn waħda possessorjali għal waħda proprjetorjali u dan meta l-Prosekuzzjoni tonqos milli tressaq il-prova tal-użu divers li seta' għamel l-appellat bil-flus fdati lilu, hija nieqsa ukoll ir-reita' għall-ewwel imputazzjoni li tikkontempla ir-reat tal-approprjazzjoni indebita, kif ġustament tikkonkludi l-Ewwel Qorti, iktar u

---

[4] Imħallef A. J. Montanaro Gauci, Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri, deċiża fl-1 ta' Marzu 1952.

iktar meta hemm dokument in atti li jindika illi dawn il-flejjes kienu mislufa lill-appellat u allura jikkostitwixxi self li ma kienx rifuż meta mitlub jagħmel dan.

Għaldaqstant l-appell ta'l-Avukat Ġenerali ma jistħoqqlux akkoljiment u qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-appell intentat mill-imputat Mark Anthony Camilleri, huwa jikkontendi illi l-Ewwel Qorti malament sabet ħtija ghat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet. Dan għaliex imwarrba bħala prova l-ewwel żewġ stqarrijiet rilaxxati minnu lill-pulizija lura fis-sena 2009 meta huwa ma kellu ebda jedd għall-assistenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni jew qabel it-teħid ta'l-istess, l-Ewwel Qorti ma setatx imbagħad tistrieh fuq dak mistqarr mill-appellat f'dawn l-istqarrijiet sabiex issib il-ħtija u dan għas-sempliċi fatt illi fl-aħħar żewġ stqarrijiet meħuda fl-2018, meta huwa allura ingħata id-drittijiet kollha tiegħu skont il-liġi, kien ikkonferma l-kontenut tal-ewwel żewġ stqarrijiet. Iqies ukoll illi ġaldarba l-Ewwel Qorti stqarret illi mill-provi ma kienx lilha indikat kemm kien l-ammont dovut lil parti offiża s-soċjeta *Planit Travel Services Limited*, tant illi ddikjarat li ma setgħat timponi ebda ordni ta' ħlas, kwindi ma setatx lanqas issib ħtija għal dawn l-imputazzjonijiet meta l-appellant kien mixli li wettaq ir-reati ta' truffa u approprjazzjoni indebita għal ammont li jeċċedi l-€2329.37. Dan apparti l-fatt li ma rriżultax biċ-ċar min kien il-vittma ta' dawn l-allegati reati jekk hux is-soċjeta *Planit Travel Services Limited* jew inkella Aaron Stivala.

Illi mid-Dokument YF20 eżebit a fol.133 tal-atti jirriżulta illi l-appellant kien interrogat mill-ġdid mill-pulizija fit-18 ta' Ottubru 2018. Dak in-nhar id-dritt għall-assistenza legali waqt l-interrogazzjoni kienet daħlet fis-seħħ tant illi l-appellant kien mogħti dan il-jedd, kif jixhed dan id-dokument, iżda rrifjuta li jużufruwixxi ruħu mill-istess. Iddikjara hekk l-appellant:

> **"...... Nagħżel li nirrinunzja li nikkonsulta ma' Avukat u nirrinuzja ukoll li niġi assistit minn Avukat qabel u waqt li niġi nterrogat mill-pulizija rigward allegazzjoni ta' approprjazzjoni indebita u frodi għad-detriment ta' Planit Travel Agency Limited u/jew Aaron Stivala."**

Illi l-istqarrija hija waħda piuttost qasira fejn moqri l-istqarrija rilaxxata minnu fil-15 ta' Ottubru 2009 u mistoqsi jekk huwa xtaqx ibiddel, inaqqas jew iżid xi ħaġa oħra ma' dak minnu hemmhekk mistqarr iwieġeb hekk:

**"Nikkonfermha iva, m'għandi xejn iżjed xi nżid."**

Iżid igħid biss illi minn dak iż-żmien huwa kien ħallas lil parti leża parti mis-somma dovuta.

Issa l-Ewwel Qorti iddeċidiet hekk fir-rigward tal-istqarrijiet rilxxati mill-appellant:

> **"..... din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi li tiskarta l-ewwel zewg stqarrijiet u cioe dik li saret fil-15 ta' Ottubru 2009 u dik li saret fis-7 ta' Settembru 2016 u ma tqishomx bħala prova f'dawn il-proċeduri. Madankollu l-Qorti ser tqis dak kollu li hemm msemmi fiz-zewg stqarrijiet tat-18 ta' Ottubru 2018 (15.55hrs u 17.50hrs).**
>
> **Illi fit-tieni stqarrija rega gie moqri l-istqarrija tal-15 ta' Ottubru 2009 lill-imputat fejn ghazel li "nikkonfermha iva, m'ghandi xejn izjed xi nzid". Illi din l-istqarrija kienet ghar-rigward l-appropjazzjoni bla jedd ta' Planit Travel Ltd. L-imputat jikkonferma li filwaqt li kien ghamel certu hlasijiet kien ghad fadallu amont xi jhallas."**

Illi f'din l-istqarrija l-appellant jikkonferma dak minnu mistqarr fl-istqarrija tal-2009 fejn jammetti illi huwa kien irċeva l-flus minn għand ċertu Gaetano Tamburella ta' *GTF Viaggi* sabiex jakkwista għan-nom ta' din l-aġenzija ta'l-ivvjaġġar biljetti tal-ivvjaġġar għal kontinġent ta' 36 persuna minn għand is-soċjeta *Planit Travel Service Ltd*. L-appellant iżda effettwa l-pagament dovut lis-soċjeta *Planit* għal dawn il-biljetti mill-kont bankarju personali tiegħu permezz ta' ċekk, u dan iċ-ċekk ma issarrafx għaliex dak in-nhar stess l-appellant għamel *stop payment* fuqu, għalkemm fil-kont bankarju kellu biżżejjed fondi biex il-kreditu jkun onorat. Jikkonferma ukoll f'din l-istqarrija, illi l-flus li għaddielu Tamburella sabiex iħallas lil *Planit* huwa użahom għal skopijiet oħra ta' negozju.

Issa għalkemm huwa minnu li l-Ewwel Qorti skartat l-istqarrija rilaxxata mill-appellant lura fis-sena 2009, madanakollu meta interrogat għal darb'oħra fis-sena 2018, l-appellant, mogħti issa d-drittijiet kollha inkluż allura l-jedd li ikun debitament

assistit minn avukat, irrifjuta l-istess u kkonferma il-kontenut ta'l-ewwel stqarrija u iddikjara li ma kellu xejn x'iżid magħha. Illi allura għalkemm fid-dawl ta' dan ix-xenarju probatorju l-Ewwel Qorti ma kellhiex tiskarta l-istqarrija rilaxxata fl-2009 billi din kienet moqrija mill-ġdid lill-appellant u kkonfermata minnu, madanakollu xejn ma kien josta lill-Ewwel Qorti li tiehu konjizzjoni tal-kontenut tal-istqarrija tal-2009 ġaldarba din kienet moqrija mill-ġdid lill-appellant fejn ikkonfermaha u iddikjara li ma kellu xejn aktar x'jżid magħha.

Finalment mill-provi prodotti jirriżulta ippruvat kemm kien l-ammont ta' flus dovut mill-appellant lis-soċjeta *Planit Travel Services Limited* li irriżulta illi hija ġestita minn Aaron Stivala u allura ma kien hemm ebda ekwivoku dwar kemm kien l-ammont meħud indebitament u min kien il-vittma tar-reat. Tant hu hekk illi għalkemm stranament l-Ewwel Qorti iddikjarat illi ma kenitx ser tagħmel Ordni ta' ħlas, madanakollu imbagħad fl-istess nifs għaddiet sabiex fit-termini ta'l-artikolu 28H tal-Kodiċi Kriminali kkundannat lill-appellant iħallas lis-soċjeta *Planit* kwalunkwe bilanċ rimanenti mis-somma ta' ħamest elef, ħames mija u ħamsa u tmenin Euro u erbgħa u tmenin ċentezmu (€5,585.84) oriġinarjament dovuti u dan f'massimu ta' sitt (6) xhur. Inoltre kemm ix-xiehda ta' Anthony Vella u d-dokumenti eżebiti in atti fosthom l-*email* mibgħuta lil Vella minn Gaetano Tamburella (Dokument YF16 a fol.101), kif ukoll l-i*statements* tal-kontijiet bankarji, mhux biss jikkorroboraw dak dikjarat mill-appellant fl-istqarrija tiegħu iżda juru illi l-appellant irċeva il-flus minn għand Tamburella u minflok għaddiehom lis-soċjeta *Planit*, ma effetwax il-ħlas dovut, iżda użahom għal xi negozju ieħor.

Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti tqies illi l-Ewwel Qorti setgħat legalment u raġjonevolment issib ħtija fl-appellant għat-tieni, u t-tielet imputazzjonijiet lilu addebitati u tqies għalhekk illi is-sentenza appellata għandha tibqa' invarjata.

**Għal dawn il-motivi kollha suesposti, anke dan l-appell tal-imputat Mark Anthony Camilleri qed ikun respint.**

**Għal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell kemm ta'l-Avukat Ġenerali kif ukoll tal-imputat Mark Anthony Camilleri u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha**

**Edwina Grima**
**Imħallef**